TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 217/21/MM

Michael Angelo Cassar

Vs

GO plc

Illum, 17 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-21 ta' Diċembru 2021 fejn talab is-somma ta' tmien mitt ewro (€800), rappreżentanti t-total tal-kontijiet kollha li ħallas matul il-perjodu tal-kuntratt u ċioe' mid-29 ta' Lulju 2019 sas-26 t'Ottubru 2020.

Is-soċjeta' intimata pprezenta risposta ghal din it-talba u attendiet għas-seduta. Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti qiegħad jitlob rifużjoni tal-ħlasijiet kollha li għamel minn meta beda l-kuntratt u ċioe' mid-29 ta' Lulju 2019 sas-26 t'Ottubru 2020 u dan minħabba li s-servizz kien ħażin u r-rikorrenti ma kienx moqdi kif mistenni.

Illi s-soċjeta' intimata tikkonferma li verament saru diversi rapporti tul il-perjodu tal-kuntratt relatati mas-servizz pprovdut mis-soċjeta' GO iżda jispjegaw ukoll li l-aħħar żewġ rapporti u ċioe' tas-7 t'Ottubru 2021 u tad-29 t'Ottubru 2021 kienu relatati mal-WiFi u mhux mas-servizz pprovdut minnhom. Ix-xhud jispjega li s-soċjeta' intimata kienet lesta tagħti s-somma ta' tlett mitt ewro (€300), u dan b'rikonoxximent li kien hemm perjodu fejn kien hemm xi ħsarat.

**Ikkunsidra**

Illi kif ġie osservat mis-soċjeta' intimata, xi tip ta' ħsara kienet eżistenti, tant li l-istess soċjeta' kienet lesta tagħti s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) bħala kumpens għal dan in-nuqqas. Għalhekk issa li jrid jiġi determinat minn dan it-Tribunal huwa kemm kienet frekwenti l-ħsara, u l-firxa u l-estent tal-ħsara. Illi huwa evidenti li l-perm tal-kwistjoni hija materja teknika li kienet tkun mistħarrġa aħjar minn espert li għandu livell ta' għarfien lil hinn mill-kapaċità professjonali ta' dan it-Tribunal. Illi stante li s-servizz illum il-ġurnata ġie terminat, dan it-Tribunal mhux f'pożizzjoni li jaħtar espert. Fl-istess waqt, it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti ma ħarrikx lit-*technicians* tal-GO biex jixdhu dwar il-frekwenza tal-ħsarat u biex jirrelataw dwar is-sors u r-raġuni ta' dawn il-ħsarat.

Illi kif ingħad, ir-rikorrenti esperjenza xi tip ta' ħsarat tassew. Dan magħdud mal-fatt li l-lokalita' kienet ġja milquta minn servizz ta' kwalita inferjuri tant li r-rikorrenti kien ingħata skont biex jikkumpensa għal dan il-fattur.

Affermati s-suesposti principji ta' dritt dan it-Tribunal iħoss b'konvinzjoni illi, tabilhaqq, is-servizz kien batut u mhux kif mistenni. Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal ihoss li għandu jaċċetta bħala leġittimu u ċustifikat l-ilment tar-rikorrenti għal liema ser tipprovdi l-provvediment infraskritt.

It-Tribunal qiegħad fid-deċiżjoni tiegħu jiehu in kunsiderazzjoni l-fatt li bit-tajjeb u l-ħażin is-servizz intuża, imqar limitatament għall-perjodu ta' madwar sena u nofs u għalhekk ir-rikorrenti m'għandux raġun li jippretendi li jitlob rifużjoni tal-kontijiet kollha mħallsa minnu u għalhekk it-talba ser tkun limitata f'dan is-sens.

DECIDE

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` intimata tirrifondi l-ammont illikwidat arbitro bon viri ta' ħames mitt ewro (€500) fi żmien ħmistax-il jum mil-lum. Wara li r-rikorrenti jirritorna l-apparat lura lis-soċjeta' intimata, dan għandu jingħata d-depożitu mħallas minnu.

L-ispejjez ta' din is-sentenza jithallsu mis-socjeta` intimata.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru